# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Frar, 2001.**

**Numru 31**

**Citaz. Nru. 2260/00GV**

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**vs**

**The Good Shepherd Group Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u tmienja u disghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmi (Lm1,298.57) ta' diversi oggetti lilha mibjugha u kkonsenjati skond l- "istatement of account" (Dok. A) u l-fatturi numru 642, 745, 1515, 2366, 2827, 3008, 3183; 3391, 3408, 3556, 3596 u 3649 tal-1999 u 4599, 6114 u 6133 tal-2000 (Dok. B sa P) hawn esebiti;

Premess illi ghalkemm interpellata biex thallas is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi dan il-kreditu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuta m'ghandha ebda eccezzjonijiet x'taghti ghat-talbiet attrici (vide affidavit Dok. Q);

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tghaddi biex taqta' u tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smieghi ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma fuq riferita ta' elf mitejn u tmienja u disghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm1,298.57) dovuta kif fuq spjegat;

Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-taba tas-socjeta' attrici ghall-ispejjez kif indikati fin-nota tal-31 ta' Jannar, 2001.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**